



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 2 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9552/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0200 (COD)

VOTE 56
INF 132
PUBLIC 56
CODEC 1230

NOTA

Suġġett:

- Riżultat tal-votazzjoni
- Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna
 - = Adozzjoni tal-att leġislattiv
 - = Eżitu tal-proċedura bil-miktub li tlestiet fit-28 ta' Frar 2024

L-eżitu tal-votazzjoni dwar l-att leġislattiv imsemmi hawn fuq jinsab fl-Anness 1 għal din in-nota.

Dokument ta' referenza:

PE-CONS 10/24

data tad-deċiżjoni li tintuża l-Proċedura bil-Miktub mill-Coreper, Parti 2,
28.02.2024.

Id-dikjarazzjonijiet u/jew l-ispjegazzjonijiet tal-vot jinsabu fl-Anness 2 għal din in-nota.



General Secretariat of the Council

Institution: Council of the European Union
 Session:
 Configuration:
 Item: 2023/0200 (COD) (Document: 10/24)
 Voting Rule: qualified majority
 Subject: REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL establishing the Ukraine Facility

Vote	Members	Population (%)
Yes	26	97,87%
No	0	0%
Abstain	1	2,13%
Not participating	0	
Total	27	

Sitting date: 28/02/2024

Final result



Member State	Weighting	Vote	Member State	Weighting	Vote
BELGIQUE/BELGIË	2,61		LIETUVA	0,63	
БЪЛГАРИЯ	1,44		LUXEMBOURG	0,15	
Ceská republika	2,40		Magyarország	2,13	
DANMARK	1,31		MALTA	0,12	
DEUTSCHLAND	18,72		NEDERLAND	3,99	
EESTI	0,30		ÖSTERREICH	2,02	
ÉIRE/IRELAND	1,15		POLSKA	8,37	
ΕΛΛΑΔΑ	2,31		PORTUGAL	2,33	
ESPAÑA	10,67		ROMÂNIA	4,23	
FRANCE	15,11		SLOVENIJA	0,47	
HRVATSKA	0,85		SLOVENSKO	1,21	
ITALIA	13,25		SUOMI/FINLAND	1,24	
ΚΥΠΡΟΣ	0,20		SVERIGE	2,34	
LATVIJA	0,42				

* When acting on a proposal from the Commission or the High Representative, qualified majority is reached if at least 55 % of members vote in favour (15 MS) accounting for at least 65% of the population

For information: <http://www.consilium.europa.eu/public-vote>

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-prerogattivi istituzzjonali tagħha fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit fil-qafas tal-Faċilità għall-Ukrajna

Il-Kummissjoni tfakkar li, skont l-Artikolu 17 tat-TUE u l-Artikolu 317 tat-TFUE, l-implimentazzjoni tal-baġit tibqa' r-responsabbiltà tagħha stess u hija parti mill-prerogattivi istituzzjonali tagħha skont it-Trattati. Hija tqis li d-deċiżjonijiet relatati mal-pagamenti lill-Ukrajna taħt il-Faċilità tal-Ukrajna jappartjenu għal tali implimentazzjoni tal-baġit.

Il-Kummissjoni jiddispjaċiha li t-test maqbul mill-koleġislatur jipprevedi deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 291 TFUE għall-adozzjoni ta' dawn il-miżuri. Hija tqis li s-soluzzjoni maqbula mill-koleġislatur tista' tiġi ġġustifikata b'mod eċċezzjonali fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi ħafna tal-Faċilità tal-Ukrajna – strument uniku fuq terminu medju ta' importanza ġeopolitika kbira adattat għall-inċertezza u l-isfida bla preċedent ta' appoġġ lil pajjiż fi gwerri b'implikazzjonijiet diretti għas-sigurtà tal-Unjoni.

Jenħtieġ li din is-soluzzjoni ma titqiesx bħala preċedent għal kwalunkwe programm ta' nfiq ieħor tal-Unjoni.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Skont id-Deċiżjoni Nru 13/2018 u d-Deċiżjoni 15/2021 tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Repubblika tal-Bulgarija, it-terminu "ġeneru" fis-sistema legali nazzjonali jirreferi għaż-żewġ sessi – femminili u maskili – li huma bijoloġikament definiti.

Għalhekk, f'konformità mad-Deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, fid-dispożizzjonijiet legali kollha li jirreferu għat-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri", il-Bulgarija tqis it-terminu bħala "ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", kif stipulat fil-valuri komuni għall-Istati Membri (skont l-Artikolu 2 TUE).